

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 1345/2014**tas-17 ta' Diċembru 2014****dwar id-determinazzjoni tal-kwantitajiet żejda ta' zokkor, isoglukożju u fruttożju fil-Kroazja**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat tal-Adeżjoni tal-Kroazja

Wara li kkunsidrat l-Att ta' Adeżjoni tal-Kroazja,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 170/2013 tal-25 ta' Frar 2013 li jstipula miżuri ta' tranżizzjoni fis-settur taz-zokkor minħabba l-adeżjoni tal-Kroazja ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 7(1) tiegħu,

Billi:

- (1) Sabiex jiġi evitat tfixkil fis-suq tal-Unjoni fis-settur taz-zokkor wara l-adeżjoni tal-Kroazja fl-Unjoni fl-1 ta' Lulju 2013, it-Taqsima 2 tal-Kapitolu II tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 170/2013 tistipula regoli dwar id-determinazzjoni u l-eliminazzjoni tal-kwantità taz-zokkor innifsu jew fi prodotti pproċessati, ta' isoglukożju u ta' fruttożju li jaqbżu l-kwantità meqjusa bħala r-riport normali tal-ħażna fl-1 ta' Lulju 2013 ("kwantitajiet żejda"). B'mod partikolari, l-Artikolu 9 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 170/2013 jstipula li daww il-kwantitajiet żejda għandhom jitneħħew mis-suq fil-forma ta' zokkor innifsu jew ta' isoglukożju a skapitu tal-Kroazja.
- (2) Barra minn hekk, it-Taqsima 2 tal-Kapitolu II tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 170/2013 tistipula li l-Kummissjoni għandha tiddetermina l-kwantitajiet żejda sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2014.
- (3) Sabiex jiġu ddeterminati l-kwantitajiet żejda, l-Artikolu 13(2) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 170/2013 jstipula li l-Kroazja għandha tikkomunika lill-Kummissjoni t-tagħrif rilevanti dwar il-kwantitajiet tal-produzzjoni, il-konsum, il-ħażniet, l-esportazzjoni u l-importazzjoni, kif ukoll tagħrif dwar is-sistema stabbilita sabiex jiġu identifikati l-kwantitajiet żejda. Fuq dik il-bażi, il-Kummissjoni għandha tiddetermina l-kwantitajiet żejda billi tqabbel l-iżvilupp tas-suq taz-zokkor Kroat mill-1 ta' Lulju 2012 sat-30 ta' Ġunju 2013, fir-rigward tat-tliet snin ta' qabel. L-ċirkustanzi partikolari ta' akkumulazzjoni tal-ħażniet għandhom jitqiesu wkoll kif previst fl-Artikolu 7(2)(c) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 170/2013. B'mod partikolari, kif issuġġeriet ukoll il-Kroazja, jeħtieġ li jiġu kkunsidrati kif xieraq iż-żieda fil-konsum u fl-istokkijiet fil-Kroazja kif ukoll ix-xejra fl-Unjoni.
- (4) Abbażi tal-komunikazzjonijiet mill-Kroazja, il-kwantitajiet żejda taz-zokkor għandhom jiġu ddeterminati skont dak il-metodu.
- (5) Għad-determinazzjoni tal-kwantitajiet żejda ta' isoglukożju u fruttożju, ġie applikat l-istess metodu. B'riżultat ta' dan, ma jeħtieġ li jiġu ddeterminati l-ebda kwantitajiet żejda ta' fruttożju u ta' isoglukożju.
- (6) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat għall-Organizzazzjoni Komuni tas-Swieq Agrikoli,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Il-kwantità ta' zokkor li taqbeż il-kwantità meqjusa bħala r-riport normali tal-ħażna fl-1 ta' Lulju 2013 u li għandha titneħħa mis-suq tal-Unjoni a skapitu tal-Kroazja b'konformità mal-Artikolu 9 tar-Regolament (UE) Nru 170/2013 hija ta' 37 138 tunnellata.

⁽¹⁾ ĠUL 55, 27.2.2013, p. 1.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-17 ta' Diċembru 2014.

Għall-Kummissjoni

Il-President

Jean-Claude JUNCKER
